


Il-kriżi tal-coronavirus: Distakk emerġenti bejn is-sessi? – Impjieg fl-UE

Bidla fl-impjegi mqabbla mat-trimestru preċedenti



Sors: kalkolu mill-EPRS ibbażat fuq id-data tal-Eurostat.

Minn mindu faqqgħet il-kriżi tal-COVID-19, it-telf tal-impjegi kien ferm ogħla u aktar mgħaġġel milli kien fil-bidu tal-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2008, kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Din id-darba, it-telf ta' impjegi huwa ogħla fost in-nisa. In-nisa huma aktar probabbli li jaħdmu fis-settur tas-servizzi, b'interazzjonijiet fiżiċi frekwenti ma' klijenti, konsumaturi jew tfal. Fi żmien ta' tbeġħid soċjali u lockdowns, huma aktar f'riskju li jtilfu l-impjieg tagħhom (ħlief fis-settur tal-kura tas-saħħa).